MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1103/1988/1

**Corinne James bhala l-omm ezercenti l-*patria potestas* fuq binha minuri Kurt u bhala kuratrici *ad litem* ta’ l-istess minuri**

**vs**

**Lucian Borg**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-attrici kienet ghamlet certu perjodu ta’ zmien fil-kumpanija tal-konvenut Lucian Borg, u f’liema perjodu hija kellha relazzjonijiet sesswali ma’ l-imsemmi konvenut, mill-liema relazzjonijiet twieled il-minuri Kurt fl-1 ta’ Mejju 1988, (ara Dok. “A”) u dan kif ser ikun ampjament ippruvat fit-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-attrici sejhet ghal bosta drabi lill-konvenut sabiex dan jirrikonoxxi lill-imsemmi minuri u wkoll sabiex jissomministralu manteniment ghalih, pero' l-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenut Lucian Borg huwa l-missier naturali tal-minuri Kurt, liema wild huwa frott ir-relazzjonijiet extra-matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut Lucian Borg;

2. Tordna lill-konvenut Lucian Borg sabiex ihallas manteniment versu ibnu Kurt mid-data tat-twelid ta' l-istess minuri Kurt, liema manteniment ikun hekk iffissat minn din il-Qorti u jithallas fil-jum u lok u bil-modalitajiet li din l-istess Qorti tistabbilixxi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tas-7 ta' Settembru 1988, u r-rikors prezentat kontestwalment kontra l-konvenut li minn issa stess huwa ngunt biex jidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat ir-rikors ta' Corinne James datat 5 ta' Dicembru 1988 a fol. 11 fejn qalet li hija u l-intimat Lucian Borg ghamlu perjodu ta' zmien jikkoabitaw flimkien u mill-liema relazzjonijiet li kellhom flimkien il-partijiet fl-1 ta' Mejju 1988 twieled il-minuri Kurt, li l-esponenti tirritjeni li l-intimat huwa l-missier naturali tal-istess minjuri; li l-esponenti kontestwalment ma' dan ir-rikors qieghda tipprezenta citazzjoni kontra l-intimat biex titlob il-Qorti ggieghel lill-intimat jirrikonoxxi lill-minuri Kurt bhala ibnu u jghaddilu l-manteminent li l-istess Qorti tiffissa.

Illi ghaldaqstant l-esponenti talbet sabiex din il-Qorti tawtorizzaha tidher f'isem u tinnominaha bhala kuratrici *ad litem* tal-imsemmi binha l-minuri Kurt fil-proceduri tac-

citazzjoni minnha pprezentata fl-istess ismijiet u fl-atti l-ohra kollha relattivi u sussegwenti.

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 1989.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut tal-15 ta' Mejju 1989 a fol. 13 fejn gie eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjent u l-attrici kienu waqfu johorgu flimkien sa minn kwazi sentejn qabel twieled il-minuri msemmi fic-citazzjoni. F'dan il-perjodu, l-esponent u l-attrici ma kellhomx intimitajiet bejniethom.

2. Illi f'kull kaz l-attrici fiz-zmien li probbabilment harget tqila, kellha relazzjonijiet sesswali jew intimi ma' haddiehor.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 19 tal-process.

Rat il-verbali tas-27 ta' April 1989; tal-31 ta' Ottubru 1989; tat-23 ta' Frar 1990 fejn Dr. Frank Cassar ghall-attrici ddikjara li ghandu jissostitwixxi l-kopja tac-certifikat originali li jkun awtentikat skond il-ligi. Inghata digriet fejn Dr. Ramon Rossignaud gie nominat bhala Perit Legali biex jirrelata dwar it-talbiet attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet bl-ispejjez provizorjament tal-attrici; tad-9 ta' Ottubru 1990; tal-11 ta' Dicembru 1990; tal-4 ta' Gunju 1991 fejn Dr. Frank Cassar talab lill-Qorti sabiex tinnomina tabib patologu biex jassisti lill-Perit Legali.

Rat in-nota tal-attrici tal-10 ta' Gunju 1991 li biha esebiet tlett affidavits.

Rat il-verbal tad-9 ta' Dicembru 1991.

Rat ir-rikors ta' Corinne James *nomine* tas-16 ta' Dicembru 1991 fejn talbet li jsiru testijiet tad-D.N.A. mit-

tabib patologu Joe Louis Grech, kemm fuq il-minuri Kurt kif ukoll fuq il-konvenut.

Rat il-verbal tat-2 ta’ Marzu 1992.

Rat ir-risposta ta’ Lucian Borg tal-10 ta’ Marzu 1992.

Rat il-verbali tat-18 ta’ Mejju 1992 fejn il-Qorti wara li rat ir-rikors u r-risposta nnominat lit-Tabib Dr. Joe Louis Grech biex jassisti lill-Perit Legali Dr. Ramon Rossignaud spejjez provizorjament tal-attrici; tad-19 ta’ Ottubru 1992; tat-18 ta’ Jannar 1993 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* n-nomina ta’ Dr. Ramon Rossignaud bhala Perit Legali u ezoneratu mill-inkarigu. Inghata digriet u gie nominat Dr. Mark Chetcuti bhala Perit Legali; tat-22 ta’ Marzu 1993; tal-14 ta’ Gunju 1993; u tat-3 ta’ Novembru 1993.

Rat ir-rikors tal-Perit Legali tat-28 ta’ Jannar 1994 fejn informa lill-Qorti li fiz-zewg seduti li zamm l-attrici naqset li tidher nonostante li kienet notifikata. Ghaldaqstant irritorna lura l-process.

Rat il-verbali tat-31 ta’ Jannar 1994 fejn il-Qorti ordnat lill-Perit Legali jerga’ jirtira l-process u jkompli bl-inkarigu tieghu, u dan wara li Dr. Cassar iddikjara li l-attrici kienet ghal xi zmien ma tiflahx; tat-18 ta’ April 1994; tal-10 ta’ Ottubru 1994 fejn Dr. Pawlu Lia ghall-konvenut iddikjara li l-klijent tieghu huwa dispost li joqghod ghat-testijiet rikjesti tad-D.N.A. pero’ jidher li l-attrici tilfet l-interess fil-kawza. Il-Qorti ordnat lill-Perit Legali sabiex jidher personalment fis-seduta li jmiss u jinforma lill-Qorti dwar l-andament tal-kawza; tal-5 ta’ Dicembru 1994; tal-20 ta’ Marzu 1995; tas-16 ta’ Ottubru 1995 fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr. Lia li l-konvenut mitlub minn Dr. Joseph Louis Grech issottometta ruhu biex isirlu l-prelevament tad-demm. Pero’ l-attrici li wkoll kienet mitluba tissottometti ruhha ghall-istess prelevamenti baqghet ma marritx. Il-Qorti in vista ta’ dan ordnat lill-Perit Mediku Dr. Joseph Louis Grech biex jidher fis-seduta li jmiss u jinformaha dwar l-andament tal-kawza; tat-22 ta’ Jannar 1996 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo;

tad-29 ta' April 1996; tat-18 ta' Gunju 1996; tal-25 ta' Novembru 1996 fejn Dr. Ray Zammit assuma l-patrocinju tal-attrici; tal-11 ta' Frar 1997; tad-9 ta' Gunju 1997; tat-28 ta' Novembru 1997; tat-30 ta' Marzu 1998; tal-5 ta' Ottubru 1998; tat-8 ta' April 1999 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' mill-Onor. Imhallef David Scicluna; tat-8 ta' April 1999; tat-3 ta' Mejju 1999; tal-14 ta' Lulju 1999; tas-16 ta' Novembru 1999; tas-16 ta' Frar 2000; tas-17 ta' Marzu 2000; tas-7 ta' April 2000; tal-5 ta' Lulju 2000; tat-3 ta' Novembru 2000 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' mill-Onor. Imhallef Noel Arrigo peress li titratta kwistjoni li tirrigwarda l-familja; tat-22 ta' Novembru 2000 fejn il-Qorti nnominat lil Christopher Farrugia flok il-mejjet Dr. Joseph Louis Grech bhala espert xjentifiku ghall-ezami tad-D.N.A.; tal-20 ta' April 2001; tas-27 ta' Settembru 2001; tas-26 ta' Novembru 2001 fejn l-espert Christopher Farrugia halef ir-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-espert Christopher Farrugia.

Rat in-nota tal-attrici tas-26 ta' Novembru 2001 fejn talbet il-hatra ta' periti perizjuri.

Rat il-verbali tat-22 ta' Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema' minn din il-Qorti kif prezentement presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace; tal-21 ta' Mejju 2002; tas-6 ta' Gunju 2002 fejn fuq nuqqas ta' komunikar ta' Dr. Ray Zammit mal-klijenta tieghu, il-Qorti cahdet it-talba ghall-periti perizjuri. Id-difensuri qablu li wara dan id-digriet il-kawza tista' tibqa' ghas-sentenza. In vista ta' dan il-kawza giet differita ghall-lum l-1 ta' Ottubru 2002 ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li kienet ghamlet certu perjodu ta' zmien fil-kumpanija tal-konvenut Lucian

Borg, u f'liema perjodu hija kellha relazzjonijiet sesswali ma' l-imsemmi konvenut, mill-liema relazzjonijiet twieled il-minuri Kurt fl-1 ta' Mejju 1988, (ara Dok. "A"); u li abbazi ta' dan hija sejhet ghal bosta drabi lill-konvenut sabiex dan jirrikonoxxi lill-imsemmi minuri u wkoll sabiex jissomministralu manteniment ghalih, pero' l-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk talbet lil din il-Qorti sabiex: (1) tiddikjara li l-konvenut Lucian Borg huwa l-missier naturali tal-minuri Kurt, liema wild huwa frott ir-relazzjonijiet extra-matrimonjali bejn l-attrici u l-konvenut Lucian Borg; u (2) konsegwentement tordna lill-konvenut Lucian Borg sabiex ihallas manteniment versu ibnu Kurt mid-data tat-twelid ta' l-istess minuri Kurt, liema manteniment ikun hekk iffissat minn din il-Qorti u jithallas fil-jum u lok u bil-modalitajiet li din l-istess Qorti tistabbilixxi.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut qed jikkontesta li huwa l-missier tal-istess minuri stante li huwa ddikjara li kien waqaf johrog mal-attrici kwazi sentejn qabel t-twelid tal-istess minuri, u ghalhekk qatt ma setgha jkollu l-paternita' tal-istess minuri, u dan apparti li fiz-zmien li l-attrici harget tqila hija kellha relazzjonijiet intimi ma haddiehor.

Illi jinghad li mill-ezamijiet xjentifici li saru mill-espert xjentifiku Christopher Farrugia li gew mahlufa fis-26 ta' Novembru 2001 jirrizuta li wara li ttiehdu kampjuni tad-demm tal-attrici u l-minuri Kurt James fis-7 ta' Dicembru 2000, u wara li fit-8 ta' Dicembru 2000 ttiehdu kampjuni tad-demm minghand il-konvenut, u dan bil-kunsens taz-zewg partijiet saru l-ezamijiet u l-analazi tad-*D.N.A. profiling* li minnhom jirrizulta s-segwenti skond l-istess rapport:-

*"Kull test jiddentifika frammenti tal-materjal genetiku (DNA – Deoxyribosenucleic acid) ta' qies differenti. Dawn il-frammenti huma miftuha. Nofs il-materjal genetiku jintiret mill-omm. In-nofs l-iehor mill-missier biologiku".*

*"Il-paternita' tigi stabbilita' billi il-profil genetiku tal-wild l-ewwel jigi mqabbel ma' ta' l-omm. Il-profil li m'huwiex prezenti fl-omm iridu jkun prezenti fil-missier biologiku.*

*Ghalhekk il-missier biologiku ghandu jkollu dawk il-frammenti tad-DNA paternali. Huwa mpropabbli li persuna ohra maghzula mill-popolazzjoni jkollha l-istess profil paternali”.*

*“Jekk il-missier puttativ ikollu diversi minn dawn il-frammenti nieqsa ma jistax ikun il-missier biologiku. Ghalhekk jigi eskluz mill-paternita’ tal-wild”.*

Illi mir-rizultat tat-test li hareg fl-1 ta’ Jannar 2001 fuq l-istess kampjuni jirrizulta li inghad li:-

*“In 6 of the 10 tests carried out, the DNA results exclude Lucian Borg from being the father of Kurt James”.*

*“It is quite normal to see a small number of matches between unrelated people”.*

*“The DNA results exlude paternity. Lucian Borg cannot be the father of Kurt James”*

Illi l-konkuzjonijiet tal-espert xjentifiku mqabbad mill-Qorti, kienu allura s-segwenti:-

*“Illi wara li saru l-analizi tad-‘DNA profiling’, irrizulta li Lucian Borg m’huwiex il-missier biologiku ta’ Kurt James”*

*“Ir-rapport ta’ Cellmark Laboratories jinsab mehmuz ma din ir-relazzjoni”.*

Illi ghalhekk minn dawn ir-rizultati ma hemm l-ebda dubju li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, stante li xjentifikament gie ppruvat mit-testijiet li nzammu li l-konvenut qed jigi eskluz ghal kollox milli jkun il-missier tal-istess minuri, nonostante dak allegat mill-attrici.

Illi din il-Qorti ma ghandha l-ebda triq ohra hlief li taddotta l-konkluzjonijiet xjentifici raggunti bhala taghha u dan ghaliex ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzjonijiet peritali, xjentifici jew medici raggunti kontra l-konvinzjoni taghha nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-**artikolu 681 tal-Kap 12,** jibqa’ jippersisti l-fatt li tali

konkluzjoni peritali, specjalment fuq natura purament xjentifika, dan il-Qorti *"ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dan ghandu iktar importanza u rilevanza fuq ezamijiet medici, xjentifici u genetici, peress li l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni l-izvilupp li sar fix-xjenza u fil-kamp genetiku in partikolari, tant li dan gie llum rikonoxxut mill-ligi skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 70 (3) tal-Kap 16,** tinghata mportanza lill-*"ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita` kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-kaz",* tant li l-Qorti taghti piz ghall-fatt ta' rifjut ta' parti li taghmel l-istess testijiet, u dan peress li huwa fatt maghruf li l-istess testijiet genetici llum huma precizi, specjalment fejn tigi eskluza l-paternita' koncernata u li dwarha jkun hemm kontestazzjoni fil-kawza.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**

**1 ta’ Otturbu 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**1 ta’ Ottubru 2002**